MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 12/2014

**Daniel Alexander Holmes**

**Vs**

**Avukat Generali, Kummissarju tal-Pulizija, Direttur Generali tal-Qrati u Tribunal (Ghawdex), Registratur Qrati u Tribunal Kriminali**

Fir-rikors promotur ir-rikorrent ippremetta:-

*Illi l-esponenti gie akkuzat b'importazzjoni u kultivazzjoni tal-pjanta cannabis u b'pussess tal-istess droga cannabis liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghal uzu esklussiv tieghu u dan bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*Illi permezz ta' sentenza datata 24 ta' Novembru, 2011, l-esponenti gie kkundannat ghal piena ta' ghaxar (10) snin u sitt (6) xhur prigunerija u multa ta' tlieta u ghoxrin elf (€23,000) ewro, liema sentenza giet konfermata mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-31 ta' Ottubru, tas-sena 2013;*

*1. Illi matul il-kors tal-investigazzjoni tal-pulizija l-esponent gie mcahhad mid-dritt li jikkonsulta m'avukat tal-fiducja tieghu, peress illi l-Ligi Maltija ma kinitx tippermetti dan id-dritt, gie mcahhad mill-presenza t'avukat tal-fiducja tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija tieghu, kif ukoll gie mcahhad mill-access ghal file tal-pulizija (access to the file) li jikkoncerna l-kaz tieghu, u b'mod generali r-rapprezentanza legali tal-esponent kienet kompletament eskluza mill-istadju tal-investigazzjoni fit-termini tal-Ligi Maltija f'dak iz-zmien u dan kollu bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponent ai termini tal-art 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-art 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta* ***(Pulizija vs Alvin Privitera, Pulizija vs Esron Pullicino, Salduz vs Turkey, Bruscoe vs France);***

*2. Illi in oltre fl-istadju tal-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) l-esponent kien assistit minn Avukat tal-Ghajnuna Legali ai termini tal-artikolu 911 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u l-artikolu 570 tal-Kodici Kriminali;*

*Illi d-dritt li persuna akkuzata jkollha assistenza legali meta ma jkolliex mezzi u li jsir bi spejjez pubblici huwa protett kemm mill-Kostituzzjoni ta' Malta (Artikolu 39(6)(c)) kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Artiklu 6(3)(c) tal-Kap 319).*

*Illi in fatti l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jistipula illi kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu d-dritt:-*

*'li jiddefendi ruhu persunalment jew permezz ta' assistenza legali maghzula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi bizzejjed li jhallas l-assistenza legali, din ghandha tinghata lilu b'xejn meta l-interessi tal-gustizzja jehtiegu hekk.'*

*Illi s-sitwazzjoni prezenti fis-sistema legali Maltija hija li persuna akkuzata li m'ghandiex mezzi finanzjarji sufficjenti tigi assenjata assistenza legali ta' avukat minn fost elenku* ***ristrett*** *ta' madwar ghaxar (10) avukati liema avukati jipprestaw is-servizzi taghhom kemm fil-kawzi civili kif ukoll fil-kawzi kriminali u illi l-avukat jigi assenjat fuq il-kriterju uniku ta' skond min ikun imiss fl-elenku minghajr ebda kunsiderazzjoni ghal specjalizazzjonijiet varji bhad-dritt civili, penali, kummercjali u ohrajn u illi partikolarment fil-Qorti Kriminali l-ghazla hija ulterjorment ristretta ghal avukat wiehed (1) f'kazijiet ta' guri;*

*Illi l-ispirtu tad-dritt kostituzzjonali surreferit ghandu jkun fis-sens ta' difiza adegwata b'remunerazzjoni sufficjenti mill-Istat sabiex jigi assigurat li l-istess difiza tkun wahda xierqa;*

*Illi s-sitwazzjoni legali prezenti u li kienet applikata fil-proceduri inkwestjoni ma tissodisfax il-kriterji kif provduti fil-Kostituzzjoni (Artikolu 39(6)(c)) u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Artikolu 6(3)(c) tal-Kap 319);*

*Illi s-sitwazzjoni attwali qed iccahhad lill-esponenti milli jigi assigurat difiza adegwata u xierqa ai termini tal-Kostituzzjoni (artikolu 39(6)(c)) u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (artiklu 6(3)(c) tal-Kap 319) (****Pakelli vs Germany – 25 ta' April 1993, Lagerblom vs Sweden – 14 ta' April, 2003);***

*Illi inoltre l-esponent jaghmel riferenza ghall-fatt illi r-rimunerazzjoni tal-imsemmija avukati tal-Ghajnuna Legali ssir mill-Ufficju tal-Avukat Generali illi huwa wkoll il-Prosekutur Pubbliku;*

*3. Illi inoltre d-diskrezzjoni tal-Avukat Generali li jiddeciedi jekk l-akkuzat jigix gudikat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jew inkella li jinhareg Att t'Akkuza sabiex l-akkuzat jghaddi guri quddiem il-Qrati Kriminali jikser l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*Illi in sostenn l-esponenti qed jiccita s-sentenza fl-ismijiet* ***John Camilleri vs Malta (App nru 42931/10)*** *deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem nhar it-22 ta' Jannar, 2013 fejn il-Qorti irriteniet illi:*

*'The law did not provide for any guidance on what would amount to a more serious offence or a less serious one (based on enumerated factors and criteria). The Constitutional Court (see paragraph 14 above) noted that there ecisted no guidelines which would aid the Attorney General in taking such a decision. Thus, the law did not determine with any degree of precision the circumstances in which a particular punishment bracket applied. An insoluble problem was posed by fixing different minimum penalties. The Attorney General had in effect an unfettered discretion to decide which minimum penalty would be applicable with respect to the same offence. The decision was inevitably subjective and left room for arbitrariness, particularly given the lack of procedural safeguards. Neither could such a decision be seen only or mainly in terms of abuse of power, even if, as the Government suggested without however substantiating their view, this might be subject to constitutional control (see paragraph 29 above). The Court is not persuaded by the Government's argument to the effect that it was possible that the minimum punishment before the Criminal Court would not be handed down. The Court considers that the domestic courts were bound by the Attorney General's decision as to which court would have been competent to try the accused. The Court observes that Article 21 of the Criminal Code provides for the passing of sentences below the prescribed minimum on the basis of special and exceptional reasons. However, section 120A of the Medical and Kindred Professions Ordinance, which provides for the offence with which the applicant was charged, specifically states in its subsection (7) that Article 21 of the Criminal Code shall not be applicable in respect of any person convicted of the offence at issue. On an examination of the provision, the Court finds that it would not be possible to interpret the wording of that provision otherwise.'*

*Illi ulterjorment l-esponent umilment jissottometti illi dan l-ezercizzju ta' din id-deskrizzjoni iledi lilu d-dritt fundamentali tieghu kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem meta l-Avukat Generali ezercita d-diskrezzjoni tieghu kif ravvizata fl-artikolu 22(2) tal-Kap 101 li jista' jaghzel li johrog att t'akkuza fil-konfront tal-esponenti;*

*Illi in linea ma' dak deciz fis-sentenza fuq citata* ***John Camilleri vs Malta****, jekk l-ordni li abbazi tieghu jibdew il-proceduri taht il-Kap 101 jikser id-dritt fundamentali tal-esponent, ghaldaqstant il-proceduri sussegwenti u li propju jiddependu fuq din l-ordni huma wkoll mittiefsa b'dan il-ksur;*

*Illi jigi sottolineat illi l-Avukat Generali ghandu rwol ta' prosekutur fil-konfront tal-akkuzat b'poteri li jiddeciedi fejn ghandu jigi ggudikat l-akkuzat u liema piena ghandha tapplika u dan ifisser illi l-Avukat Generali ghandu l-poter li jaghmel a binding judgement of a quasi-judicial nature qabel ma jkun inbeda l-process mhux abbazi ta' regola izda abbazi ta' diskrezzjoni suggettiva u insindakabbli liema gudizzju jorbot lil Qorti wkoll;*

*Illi ghaldaqstant ghal din ir-raguni wkoll, l-esponent gie mcahhad mid-dritt li jkun gudikat minn Tribunal imparzjali u indipendenti kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*4. Illi ulterjorment l-esponent jaghmel riferenza ghas-sentenzi fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Godwin Agius et*** *datata 6 ta' Jannar 2012 fejn l-akkuzat gie kkundannat ghal piena ta' tmien snin prigunerija fuq assocjazzjoni u traffikar ta' madwar zewg (2) kilos tad-droga cannabis,* ***Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar*** *datata 5 ta' Novembru tas-sena 2013, fejn l-akkuzat gie kkundannat ghal piena karcerarja ta' tliet snin u nofs fuq akkuzi ta' kultivazzjoni ta' madwar zewg (2) kilos cannabis, ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Ambrose Zammit*** *datata 11 ta' Settembru tas-sena 2006 fejn l-akkuzat gie kkundannat ghal piena ta' sitt snin u tmien xhur fuq akkuzi ta' assocjazzjoni u traffikar ta' madwar zewg (2) kilos cannabis, kif ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs AB*** *datata 24 ta' Frar tas-sena 2010 fejn l-akkuzat gie kkundannat ghal piena ta' sitt xhur prigunerija fuq assocjazzjoni, importazzjoni u traffikar ta' diversi kili tal-pjanta cannabis, u fejn l-istess akkuzati ntbaghtu mill-Avukat Generali sabiex jigu ggudikati*

*mill-Qorti tal-Magistrati u mhux minn Qorti Kriminali permezz ta' guri u ghaldaqstant peress illi persuni ohra fl-istess cirkostanzi gew trattati differentement mill-esponent, gew lezi d-drittijiet tal-esponent taht l-artikolu 6, 7(1) u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*5. Illi l-esponent ma nghatax smigh xieraq ai termini tal-art 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni minhabba nuqqas t'osservanza tal-Ligi Procedurali penali ai termini tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant l-esponent jaghmel riferenza ghall-atti processwali, partikolarment fol 421 sa fol 426 u ghall-artikoli tal-Ligi partikolarment l-artikolu 432 u l-artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali (Kap 9) u jirrileva illi l-Att t'Akkuza 5/2010 huwa wiehed null ai termini tal-Ligi;*

*Illi kif jirrizulta minn fol 421, l-Avukat Generali permezz ta' rinviju tal-14 t'Ottubru tas-sena 2008 talab lil Qorti Struttorja sabiex:*

*'in terms of article 432 of the Criminal Code since the terms prescribed by art 401(1) of the Criminal Code have not been observed, so that the Court starts the compilation again and closes it within five working days, hear the official prosecutors report on oath, examines without oath the accused and save for a clear exemption from the accused/defence, rehears all the evidence and witnesses again and returns the records to the Attorney General as prescribed in art 432(2)(3) of the Criminal Code;*

*Illi prattikament dak li kien qed jintalab mill-Avukat Generali permezz tar-rinviju surriferit kien li jerga' jibda kollox mill-gdid, jergghu jinbdew l-proceduri mill-gdid u terga' tinstema u tinghalaq il-kumpilazzjoni, izda pero' kif jirrizulta minn fol 422 et seq tal-atti processwali wiehed mir-rekwiziti tar-rinviju ma giex segwit. Peress illi dan id-difett jikkonsisti fin-nuqqas ghal kollox tar-rapport tal-Ufficjal tal-Pulizija u dan jimporta n-nullita tal-Att t'Akkuza ai termini tal-art 597(2) tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta), ghaldaqstant huwa car illi l-Att t'Akkuza 5/2010 fl-ismijiet 'The Republic of Malta vs Daniel Alexander Holmes' huwa wiehed null u bla effett fil-Ligi;*

*Illi minn fol 422 et seq tal-atti processwali ma jirrizulta ebda dokument konsistenti fl-akkuzi u lanqas il-qari ta' dawk l-akkuzi bil-gurament (illi*

*jikkostitwixxu r-rapport tal-Pulizija ai termini tal-artikolu 432 u l-artikolu 597 tal-Kap 9), minkejja li jezisti verbal fis-sens li dan sar, pero' d-dokumenti nfushom ma jirrizultawx mill-atti processwali;*

*Illi l-art 597(4) huwa car fis-sens illi l-konsegwenza ta' dan in-nuqqas huwa n-nullita tal-Att t'Akkuza, liema nullita tista' tigi sollevata mill-Qorti ex officio (artiklu 499 Kap 9);*

*6. Illi l-artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, inter alia jghid:-*

*'For the purposes of this ordinance, the word dealing ... includes cultivation.'*

*Illi l-mod ta' kif hija redatta din id-disposizzjoni tal-ligi, hija akonducenti ghall-fatt li l-esponent ma jistax ikollu smigh xieraq fit-erminu ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni.*

*Illi l-esponenti jirrileva illi fost affarijiet ohra, dan id-dritt ifisser li jrid ikollok certezza legali (vide –* ***Scoppola vs Italy, 17 ta' Settembru, 2009, Qorti ta' Strasburg)*** *fil-qafas guridiku tal-pajjiz u li had ma jista' jiehu piena li ghaliha ma jkunx hemm provdut espressament fil-ligi,* ***nulla peona sine lege;***

*Illi l-esponenti jirrileva li Malta rratifikat* ***The United Nations Convention against Illicit Trafic in Narcotic Drugs and Psychotropic Substances 1988*** *fl-1996.*

*Illi l-Artiklu 3(2) tal-Konvenzjoni jghid is-segwenti:*

*'Subject to its Constitutional Principles and the basic concept of its legal system, each party shall adopt such measures as may be necessary to establish as a criminal offence under its domestic law, the possession, purchaseor cultivation of narcotic drugs for <u>personal consumption</u>.'*

*Illi ghalkemm il-legislatur rratifika dan it-trattat li allura jifforma parti integrali mill-corpus juris nostrali, l-istess legislatur ma deherlux li kellu jemenda jew jiccara b'xi mod l-artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi dan ghalhekk ghandu jfisser li l-istess legislatur ma hassx il-bzonn li jaghmel dan u l-frazi includes cultivation ghandha tigi interpretata fl-isfond tal-Konvenzjoni de quo u b'hekk dik il-frazi tirreferixxi solament ghall-kultivar mhux ghall-uzu esklussiv, inkella ma tezisti ebda certezza legali, minhabba d-diskrepanza li tezisti bejn il-Konvenzjoni u l-Ligi;*

*Illi din il-mankanza tal-istat Malti li jiccara d-disposizzjoni tal-ligi fuq citata mal-Konvenzjoni msemmija, halliet lacuna fil-ligi ghal dik li tirrigwarda piena. M'hemm l-ebda disposizzjoni tal-ligi applikabli ghall-kultivar ghall-uzu personali, u ghalhekk japplika l-principju surreferit* ***nulla peona sine lege****.*

*Illi filwaqt li huwa biss fir-rigward tar-reat ta' kultivazzjoni illi l-egislatur ma jaghmilx distinzjoni bejn dak li huwa ghall-uzu esklussiv u dak li huwa ghal skopijiet ta' spacc, peress li l-istess disposizzjoni thalli latitudni ta' piena esageratament wiesgha (minn sitt xhur sa prigunerija ta' ghomor) dan ukoll iwassal ghal nuqqas ta' certezza tad-dritt u r-rekwiziti ta' foreseeability u legal certainty u ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet kollha, huwa bi ksur tal-art 39 tal-Kostituzzjoni u l-art 7 tal-Konvenzjoni;*

*7.Illi in oltre l-esponenti ma inghatax smigh xieraq fi zmien ragonevoli minhabba dewmine, b'mod partikolari in vista tal-fatt illi mhux biss l-Avukat Generali talab minn tal-inqas zewg prorogi ghax kien jiskadi t-terminu tal-prezentata tal-Att t'Akkuza, izda wkoll l-Avukat Generali darbtejn talab li l-kumpilazzjoni terga' tibda mill-gdid u terga' tnighalaq, liema procedura ma twalitx ulterjorment, grazzi ghal fatt illi l-esponent ezenta lil qorti mis-smigh tal-provi mill-gdid. Illi kif jirrizulta mill-atti processwali kien hemm dewmien inutli mhux attribwibbli ghall-esponenti u dan bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*8.Illi inoltre l-esponenti ma inghatax smigh xieraq stante illi hija l-prassi fil-Qrati tal-Appell illi jillimitaw il-funzjoni taghhom stess ghal wahda ta' review u dan iwassal ghal nuqqas ta' smigh xieraq b'mod specjali fin-nuqqas, fis-sistema legali ta' Malta, tat-tieletgrad ta' revizjoni fil-forma ta' Qorti Suprema jew revizjoni ekwivalenti, Illi specjalment f'kazijiet ta' reati fejn hemm latitudni ta' piena mill-aktar wiesgha, m'huwiex sufficjenti illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell tezamina biss jekk il-piena hijiex fil-parametri (esageratament wesghin) tal-Ligi, stante illi tenut kont tal-istess latitudni ta' piena, anke piena entro l-parametri mhux necessarjament tfisser piena gusta ghall kaz u dan bi ksur tal-art 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni;*

*Għaldaqstant, l-attur jitlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tiddikjara illi gew lezi d-drittijiet tal-esponenti ghal smigh xieraq kif sanciti fl-Artikolu 6, 7 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*
*2. Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi nkluz billi tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-31 ta' Ottubru, 2013 fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Daniel Alexander Holmes.***

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Artijiet.**

Illi preliminarjament fl-ambitu tal-**artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-preżenza unika tal-Avukat Ġenerali kienet tkun biżżejjed biex jirrappreżenta lill-Gvern ta' Malta għall-għanijiet ta' dawn il-proċeduri konvenzjonali/kostituzzjonali;

Meqjus li l-ilmenti kollha tar-rikorrent huma essenzjalment diretti kontra l-liġi nnifisha, kontra l-imġieba tal-Avukat Ġenerali u kontra d-deċiżjonijiet finali tal-qrati kriminali, allura l-leġittimu kontradittur tar-rikorrenti f'dawn il-proċeduri ma huwa ħadd ħlief l-Avukat Ġenerali. Dan inkwantu skont ġurisprudenza paċifika, huwa l-Avukat Ġenerali li għandu r-rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta f'kawżi kostituzzjonali meta xi ħadd ikun qiegħed jikkontesta l-liġi u/jew deċiżjonijiet tal-Qrati;

Fi kwalunkwe każ ma jidhirx li r-rikorrent qiegħed jilmenta minn xi għemil jew minn xi nuqqas ta' għemil tal-intimati l-oħra. Għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi ma hemmx ħtieġa

għalfejn l-intimati l-oħra, għajr għall-Avukat Ġenerali, għandhom ikunu parti f'dawn il-proċeduri. Jiġi b'hekk li dawn l-intimati għandhom jiġi meħlusa mill-ħarsien tal-ġudizzju;

Wara din l-eccezzjoni l-intimati ghaddew biex ikkunsidraw kull wiehed mill-ilmenti tar-rikorrent u ghamlu sottomissjonijiet dettaljati hafna ghalfejn l-ilmenti tar-rikorrent huma bla bazi u t-talbiet tieghu ghandhom jigu michuda.

**Ir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali** wiegeb:-

*1. Illi in linea preliminari l-eccipjenti m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrent;*

*2. Illi f'dan il-kaz ir-rikorrent bl-ebda mod ma hu qed jattribwixxi l-allegat ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq jew nullita tal-akkuza ghal xi nuqqas minn naha tal-esponenti anke ghaliex l-esponenti ma jwegibx u ma jatix ghal tali lanjanzi u ghalhekk anke minn dan il-lat, it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

*3.Illi f'dan il-kaz ir-rikorrenti qed jattribwixxi l-ilment tieghu minhabba allegat nuqqas fis-sistema tal-ghajnuna legali maltija u minhabba li ma kienx assistit minn avukat waqt l-investigazzjoni tal-Pulizija oltre lanjanzi ohra relatati mal-ligi u mal-allegata nullita tal-att tal-akkuza liema lanjanzi bl-ebda mod ma jwiegeb ghalihom jew huma fil-mansjoni jew ghandu xi tort dwarhom l-esponenti. Dan apparti li tali allegati nuqqasijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

*4. Illi fil-mertu m'hemm ebda ksur tad-drittijiet lamentati mir-rikorrenti la taht il-Kostituzzjoni u lanqas taht il-konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif qed jallega r-rikorrenti;*

*6. Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad in toto t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess*

*rikorrenti.*

**Id-Direttur Generali tal-Qrati u Tribunali (Ghawdex)** wiegeb:-

*Illi l-intimat jifhem illi hu ghandu x'jirrispondi fir-rigward biss tal-paragrafu 2 u 3 tar-rikors promotur;*

*Illi anke f'dan ir-rigward, l-esponenti m'huwiex il-legittimu kontradittur peress illi l-istruttura t'ghajnuna legali li hawn fil-pajjiz hija skond il-legislazzjoni vigenti illi l-esponenti, bhala parti mill-ezekuttiv, m'ghandu l-ebda sehem fil-promulgazzjoni taghha;*

*Illi anke fir-rigward tal-ghazla tal-avukati illi jissejhu biex jaghtu l-ghajnuna legali, l-esponenti ma jisvolgi l-ebda rwol u kif qal l-istess rikorrent, ir-rimunerazzjoni taghhom tinhareg mill-intimat l-iehor, l-Avukat Generali;*

*Illi l-unika mansjoni illi ghandu l-esponenti hija l-assenjazzjoni tal-jiem partikolari illi fihom kull avukat tal-ghajnuna legali illi ismu jinsab fuq l-elenku msemmi fl-artiklu 89, 91 u 918 tal-Kap. 12 irid ikun disponibbli sabiex jippresta l-assistenza tieghu;*

*Illi del resto ma jirrizultax lill-esponenti illi r-rikorrenti qatt m'ghamel xi talba sabiex jigi assistit minn xi avukat partikolari, anke xi had li mhux fuq is-suddett elenku;*

*Ghaldaqstant l-esponenti m'ghandu jinsab bl-ebda mod responsabbli ghal xi allegat ksur tad-drittijiet tal-bniedem tar-rikorrenti.*

**Kwistjoni**.

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-24 ta' Novembru 2011 ir-rikorrent instab hati b'importazzjoni u kultivazzjoni tal-pjanta cannabis u b'pussess ta' din id-droga li nstabet f'cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Ir-rikorrent qieghed jilmenta li:-

1. Gie mcahhad mid-dritt li jikkonsulta mal-avukat ta' fiducja tieghu waqt l-investigazzjoni, mill-presenza ta' avukat waqt li ttiehdet l-istqarrija, u wkoll mill-access ghall-file tal-pulizija li jikkoncerna l-kaz.
2. Ma kellux assistenza adegwata ta' avukat tal-ghajnuna legali u l-hlas tieghu jsir mill-Ufficcju tal-Avukat Generali li hu wkoll il-Prosekutur Pubbliku.
3. Id-diskrezzjoni tal-Avukat Generali li jiddeciedi jekk l-akkuzat ghandux jigi ggudikat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jew inkellha li jinhareg att ta' akkuza sabiex ighaddi guri, jikser l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea.
4. Kien hemm kazijiet ohra fejn l-akkuzati nstabu f'pussess ta' iktar droga minn dik li nstabet ghand ir-rikorrent, u l-piena li nghatat kienet inqas. Dan wassal ghal lezjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.
5. Ma kellux smiegh xieraq ghaliex kien hemm nuqqas procedurali wara li l-Avukat Generali ghamel ir-rinvju tal-14 ta' Ottubru 2008.
6. Ir-rikorrent ma nghatax smiegh xieraq gialadarba l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid: *"For the purposes of this ordinance, the word dealing… includes cultivation"*. Skond ir-rikorrent il-kliem 'includes cultivation' ghandha tigi interpretata skond il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, Illicit Traffic in Narcotic Drugs and Psychotropic Substances tal-1988 (Artikolu 3(2) tal-Konvenzjoni). Ir-rikorrent isostni li l-Artikolu 22(1B) ghandu japplika biss fil-kaz ta' kultivar mhux ghall-uzu esklussiv. Dan wassal ghall ksur tal-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 7 tal-Konvenzjoni.
7. Ir-rikorrent ma nghatax smiegh xieraq fi zmien ragonevoli minhabba:-
   (a) dewmien zejjed;
   (b) li fis-sistema legali Maltija m'hawnx it-tielet grad ta' revizjoni fil-forma ta' Qorti Suprema.

**Fatti**.

1. Fl-20 ta' Gunju 2006 ir-rikorrent ta stqarrija lill-pulizija fejn spjega li l-pjanti ta' cannabis li nstabu fil-pussess tieghu kienu ghall-uzu personali tieghu. Fid-19 ta' Gunju 2006 saret tfittxija fir-residenza tar-rikorrenti u nstabu pjanti tal-cannabis qeghdin jitkabbru, pjanti tal-cannabis imnexxfin u ftit raza tal-cannabis.
2. B'ordni tal-20 ta' Gunju 2006 l-Avukat Generali ordna li l-kaz tal-akkuzat jinstema' quddiem il-Qorti Kriminali.
3. Fil-21 ta' Gunju 2006 ir-rikorrent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja u gie akkuzat b'importazzjoni, kultivar, bejgh u pussess ta' cannabis. Waqt is-seduta r-rikorrent kien assistit

minn avukat tal-ghajnuna legali. Ir-rikorrent ddikjara li ma kienx hati tal-akkuzi u dakinhar inghata l-helsien mill-arrest.

4. Waqt is-smiegh tal-provi rrizulta li fir-residenza tar-rikorrent instabu pjanti tal-cannabis imnexxfin b'piz ta' 1063.01 grammi u 0.24 grammi raza tal-cannabis b'valur ta' €11,694.44 (ara rapport tal-ispizjar Mario Mifsud datat 10 ta' Marzu 2007).
5. Fil-bidu tas-smiegh tal-provi r-rikorrent kien assistit mill-avukat Dr Vincent Galea li b'nota prezentata fid-9 ta' Lulju 2007 irrinunzja ghall-patrocinju. Minfloku dahal Dr Kevin Mompalao meta fil-15 ta' Ottubru 2007 ffirma rikors tar-rikorrent sabiex jigu varjati l-kondizzjonijiet imposti mill-qorti meta nghata l-helsien mill-arrest. Meta xehed quddiem din il-qorti l-avukat Mompalao ikkonferma li kien assista lil Holmes bhala avukat tal-ghajnuna legali. Fis-seduta tal-11 ta' Settembru 2008 ir-rikorrent qal lill-qorti li kien ser jibda jigi ppatrocinat mill-avukat Dr Kenneth Grima. Imbaghad fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2008 kien assistit mill-avukat Dr Christian Grima li m'huwiex avukat tal-ghajnuna legali.
6. Fit-18 ta' Jannar 2010 l-Avukat Generali pprezenta l-att ta' akkuza.
7. B'digriet tat-18 ta' Novembru 2010 il-Qorti Kriminali appuntat il-guri ghad-9 ta' Dicembru 2010. Dakinhar l-avukat kien assistit mill-avukat Dr Kenneth Grima li ma kienx avukat tal-ghajnuna legali. Il-kaz gie differit *sine die*. Fil-verbal ma tissemmiex ir-raguni ghalfejn inghatat din l-ordni.
8. Il-guri rega' gie appuntat ghal 21 ta' Novembru 2011. Dakinhar ir-rikorrent irregistra ammissjoni ghall-akkuzi. Fil-verbal jinghad ukoll: *"The accused having been given time to reconsider his plea, again declared that he was pleading guilty to said charges"*.
9. Fl-24 ta' Novembru 2011 nghatat is-sentenza. L-akkuzat nstab hati tal-akkuzi kollha li ngiebu kontra tieghu u gie kkundannat ghal ghaxar snin u sitt xhur prigunerja u kkundannat ihallas multa ta' €23,000.
10. Fl-14 ta' Dicembru 2011 l-akkuzat appella mis-sentenza. Fil-31 ta' Ottubru 2013 inghatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali li kkonfermat is-sentenza tal-ewwel qorti.

**Konsiderazzjonijiet**.

1. Hu minnu li fiz-zmien li ttiehdet l-istqarrija l-persuna suspettata li wettqet reat ma kenitx tinghata l-opportunita' li tkellem avukat qabel taghmel stqarrija. Sal-lum il-ligi Maltija lanqas taghtih id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt li jkun qieghed jaghmel l-istqarrija.

   F'sentenza li nghatat fit-28 ta' Novembru 2013 mill-Qorti Ewropea fil-kaz **Dvorski v Croatia**, il-qorti osservat:

   *"91. As regards the privilege against self-incrimination and the right to remain silent, the Court reiterates that these are generally recognised international standards*

*which lie at the heart of a fair procedure. Their aim is to provide an accused person with protection against improper compulsion by the authorities and thus to avoid miscarriages of justice and secure the aims of Article 6 of the Convention. The right not to incriminate oneself is primarily concerned with respecting the will of an accused person to remain silent and presupposes that the prosecution in a criminal case will seek to prove the case against the accused without resorting to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused. In examining whether a procedure has impaired the very essence of the privilege against self-incrimination, the Court must examine the nature and degree of any compulsion, the existence of any relevant safeguards in the procedure and the use to which any material so obtained is put (see Bykov v. Russia [GC], no. 4378/02, § 92, 10 March 2009).*

*92. The Court underlines the importance of the investigation stage for the preparation of the criminal proceedings, as the evidence obtained during this stage determines the framework in which the offence charged will be considered at the trial (see Salduz, cited above, § 54).* ***At the same time, an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at that stage of the proceedings, the effect of which is amplified by the fact that legislation on criminal procedure has tended to become increasingly complex, notably with respect to the rules governing the gathering and use of evidence. In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer whose task is, among other things, to help to ensure that the right of an accused not to incriminate himself is respected*** *(see Pavlenko, cited above, § 101).*" (enfazi mizjuda).

Il-kaz kien jitratta n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat tal-ghazla tas-susepettat waqt l-interrogatorju[1].
Il-posizzjoni prezenti tal-Qorti Kostituzzjonali tirrizulta mis-sentenza **ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** tas-26 ta' April 2013:-

*"Din il-qorti ġà kellha okkażjoni illi tgħid illi ma huwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda jrid ikun hemm ċirkostanzi oħra, fosthom* ***ċirkostanzi partikolari ta' vulnerabilità tal-persuna interrogata****, illi jwasslu għall-konklużjoni illi minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat ma hemmx dik il-garanzija ta' leġittimità meħtieġa biex ma jitqiesx li l-istqarrija ttieħdet bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq"* (enfazi mizjuda).

F'Gunju 2003, fil-perjodu meta l-Irlanda kellha l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, intlehaq qbil bejn il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew li tiddahhal Direttiva li tipprovdi ghall-presenza tal-avukat kemm qabel il-pulizija tinterroga lill-persuna suspettata u **wkoll waqt l-**

[1] Il-kaz pendenti quddiem il-Grand Chamber.

**interrogazzjoni**. F'dan ir-rigward il-Ministru tal-Gustizzja tal-Irlanda qal: *"Procedural rights and the rule of law are at the very heart of justice systems across the EU. We can only be certain of achieving fair and robust judicial decisions where the rights of the accused are adequately protected. This measure is a further step to ensuring common standards in criminal proceedings across the EU. These standards are essential to ensuring mutual trust between Member States and the protection of the rights of all our citizens."*.

Pero fil-kaz in ezami s-sentenza tal-Qorti Kriminali li biha r-rikorrent gie ddikjarat hati ma kenitx bazata fuq l-istqarrija li ta lill-pulizija izda fuq l-ammissjoni li rregistra quddiem il-Qorti Kriminali fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2011. Ghalhekk ir-rikorrent ma jistax jilmenta li l-istqarrija li ta lill-pulizija fl-20 ta' Gunju 2006, minghajr ma kellu l-opportunita' li jitkellem ma' avukat, tellfitu mill-opportunita' li jkollu smiegh xieraq. Dan apparti li:-

- fl-ebda stadju tal-process kriminali m'oggezzjona dwar l-ammissibilita' tal-istqarrija bhala prova, jew irtira dak li qal, jew qal li kien mhedded biex jaghmilha jew li gie mwieghed xi favur;
- kieku sar il-guri l-istqarrija ma kenitx ser tkun l-unika prova kontra r-rikorrent li nstab fil-pussess tad-droga. Dan kien kaz fejn il-pulizija waqqfu lir-rikorrent waqt li kien hiereg mir-residenza tieghu. Saret tfittxija fir-residenza u hemmhekk sabu kamra li fiha kienu qeghdin jitkabbru pjanti tal-cannabis u f'kamra ohra sabu kaxxa mimlija pjanti tal-cannabis nexfin.
- fl-istadju tal-appell ir-rikorrent baqa' jinsisti li d-droga li nstabet fil-pussess tieghu kienet ghall-uzu personali tieghu. Mela r-rikorrent baqa' jinsisti fil-posizzjoni li d-droga li nstabet hi tieghu, u allura hu evidenti li rrepeta dak li qal fl-istqarrija. Mela fejn jaqbillu r-rikorrent jaghmel riferenza ghal dak li qal lill-pulizija a *tempo vergine* waqt l-investigazzjoni u fejn ma joghgbux jrid jiskarta l-istqarrija. Posizzjonijiet li huma inkompatibbli ma' xulxin.

Ghaldaqstant l-ilment hu fieragh.

2. **Avukat tal-ghajnuna legali** - B'riferenza ghall-ilment dwar is-sistema lokali tal-avukat ta' ghajnuna legali, il-qorti tosserva:-

   2.1 Id-dritt li l-akkuzat ikun assistit minn avukat tal-ghajnuna legali jekk m'ghandux il-mezzi biex ihallas ma jfissirx dritt assolut li jaghzel min ghandu jkun l-avukat li jiddefendih fil-process kriminali (ara per ezempju **Croissant v Germany deciza** deciza fil-25 ta' Settembru 1992).

   2.2 Li s-sistema attwali tal-avukat tal-ghajnuna legali fiha nuqqasijiet li jehtiegu li jigu ndirizzati, hu fatt maghruf. Bizzejjed issir riferenza ghar-rapporti tal-Kummissjoni mir-Riforma Holistika fil-Qasam tal-Gustizzja (29 ta' Lulju 2013) fejn gew proposti xejn inqas minn 97

mizura dwar din il-materja. Wahda mill-mizuri proposti hi proprju li jkun hemm zewg elenki ta' avukati ghall-ghajnuna legali ghal finijiet ta' specjalizazzjoni.

2.3 Mill-provi rrizulta li l-ufficcju tal-Avukat Generali m'huwiex involut fl-ingagg ta' avukati tal-ghajnuna legali (ara deposizzjoni ta' Adrian Tonna ufficjal fl-ufficcju tal-Avukat Generali). Irrizulta wkoll li l-hlas lil dawn l-avukati jsir mill- vot tal-ufficcju tal-Avukat Generali. Ir-rata ta' hlas hi fissa u m'hijiex iffissata mill-Avukat Generali. Il-qorti fehemet li f'kazijiet simili avukat tal-ghajnuna legali ma jithallasx skond il-kaz li jkun qieghed jiddefendi. 'Il fatt biss li kull tlett xhur avukat tal-ghajnuna legali jircievi hlas fiss mill-ufficcju tal-Avukat Generali ma jfissirx li m'huwiex indipedenti minn dak l-ufficcju. Madankollu fil-principju jkun certament iktar floku li avukat ta' ghajnuna legali ma jkollu l-ebda rabta, irrispettivament ta' liema forma tkun, mal-ufficcju tal-Avukat Generali.

2.4 Apparti l-principji, il-qorti trid tezamina l-kaz li jkollha quddiemha. Ir-rikorrent ma ndika l-ebda cirkostanza fejn l-avukat Mompalao seta' naqas fil-qadi tad-dmirijiet tieghu jew wera li ma kellux gharfien tal-ligi sabiex jiddefendi lir-rikorrent u li bl-agir tieghu ppregudika l-kaz tar-rikorrent. Hu fatt maghruf li l-avukat Mompalao ilu s-snin jipprattika l-professjoni ta' avukat fil-qrati. Meta xehed spjega li x-xoghol tieghu hu diversifikat, fis-sens li jahdem fil-qasam tal-ligi kriminali u civili. Dan kif wara kollox jaghmlu hafna avukati ohra. Inoltre mill-atti tal-proceduri kriminali jirizulta li l-avukat Mompalao ghamel inqas minn sena jiddefendi lir-rikorrent waqt il-kumpilazzjoni, f'process li dam seba' snin biex inghalaq defenittivament. Matul dan il-perjodu m'hemm xejn li jista' jindika li r-rikorrent gie ppregudikat fid-difiza tieghu. Ghalkemm missier ir-rikorrent xehed li l-avukat Mompalao kien infurmah li ma kellux esperjenza f'dan it-tip ta' kaz u li fl-interess ta' ibnu kien tal-fehma li jkun ahjar jekk jinkarigaw avukat iehor, l-avukat Mompalao qal li lill-missier ir-rikorrent qatt ma qallu li ma kienx jahdem fil-qasam tal-ligi kriminali. Spjega kif kien missier Holmes li semma l-possibilta' li jigi nkarigat avukat li jispecjalizza fil-ligi kriminali u l-avukat Mompalao qal li wiegeb lil Mel Holmes li d-decizjoni kienet tieghu. Jissemma wkoll kif matul dak il-perjodu m'hemmx prova li juri li r-rikorrent oggezzjona li jigi assistit minn Dr Mompalao jew talab lill-qorti sabiex jigi assenjat avukat iehor li qieghed fl-elenku tal-avukati ghall-ghajnuna legali.

3. **Id-diskrezzjoni li jgawdi minnha l-Avukat Generali li jiddeciedi jekk l-kaz ghandux jinstema' quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jew quddiem il-Qorti Kriminali,**

**f'liema eventwalita l-piena tista' tkun sa ghomor il-habs** – Dwar din il-materja diga' nghataw sentenzi minn din il-qorti li applikaw dak li nghad fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fil-kaz **Camilleri vs Ellul**. Hekk per ezempju:

- **Joseph Lebrun vs Avukat Generali (84/2013)** u **Martin Dimech vs Avukat Generali (61/2013)** – 21 ta' Frar 2014 ta' din il-qorti kif presjeduta[2];
- **Repubblika ta' Malta vs Matthew Zarb (73/13 TM)** – 7 ta' Marzu 2014;
- **Republic of Malta vs Ndubisi Ndah Patrick (53/13LSO) –** 8 ta' Mejju 2014;
- **Repubblika ta' Malta vs Jose Edgar Pena (66/13JPG)** – 23 ta' Lulju 2014;

Pero' fis-16 ta' Settembru 2014 il-Qorti Kostituzzjonali tat sentenza fil-kazijiet ta' **Lebrun** u **Dimech**, fejn ikkonkludiet:

(a) L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni jista' japplika biss fl-eventwalita' ta' sejbien ta' htija tal-akkuzat. Ghalhekk ma setax isir paragun mal-kaz **Camilleri vs Malta**, *"... ghax f'dak il-kaz ix-xenarju tal-fatti kien differenti fis-sens li l-kaz kontra l-applikant kien diga' defenittivament maghluq bis-sejbien ta' htija tieghu filwaqt li l-kaz odjern il-proceduri ghadhom pendenti u ghalhekk l-Artikolu 7 huwa f'dan l-istadju inapplikabbli"*. Il-Qorti kompliet li meta l-proceduri kriminali jkunu ghadhom pendenti jkun ghad hemm possibilita' li l-akkuzat ma jinstabx hati jew il-proceduri ma jitkomplewx. Ghalhekk skond il-Qorti Kostituzzjonali l-Artikolu 7 ma japplikax fl-stadju li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti. F'dan ir-rigward il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet riferenza ghal kaz **Mirchev and Others v Bulgaria** (27 ta' Novembru 2008) u **Avukat Jose' Herrera nomine vs Avukat Generali** (13 ta' April 2011)[3].

(b) L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma japplikax; *"Id-dritt tas-smiegh xieraq li ghandu kull akkuzat mhux pregudikat bil-provvediment tal-Artikolu 22(2), u darba nharget akkuza, il-process gudizzjarju hu protett bil-ligi li jiggarantixxi smigh xieraq ghall-akkuzat"*. Il-Qorti ghamlet riferenza ghas-sentenza taghha fil-kaz **Godfrey Ellul vs Avukat Generali**, 27 ta' April 2006, fejn osservat li mkien fl-Artikolu 6: *"..... ma tinghata garanzija illi l-prosekutur m'ghandux ikollu diskrezzjoni bhal dik moghtija lill-Avukat Generali fl-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101"*. Il-Qorti qablet mat-tezi li d-diskrezzjoni li jgawdi minnha l-Avukat Generali bl-ebda mod ma tincidi fuq l-indipendenza tal-qorti.

[2] Kien hemm ukoll **Repubblika ta' Malta vs Giovanna Pace et** tat-28 ta' Marzu 2014.

[3] Jidher li f'dawk il-kazijiet il-Qorti Kostituzzjonali bbazat id-decizjoni fuq il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea minkejja dak li jipprovdu l-Artikolu 4(1) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) u l-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni.

Fil-kaz in ezami Holmes instab hati tal-akkuzi kollha wara li ammetta. Mela ghandna xenarju differenti mill-kazijiet fuq citati fejn il-proceduri kriminali ghadhom pendenti.

Il-kaz **Camilleri vs Malta** (42931/10) deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-22 ta' Jannar 2013 kien jitratta l-Artikolu 120(A)(2) tal-Medical and Kindred Professions Ordinance (Kap. 31), li jaghti lill-Avukat Generali l-istess diskrezzjoni li jaghtih l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101. Hu l-Avukat Generali li jiddeciedi quddiem liema qorti ghandu jinstema' l-kaz. Il-Qorti kkonkludiet: *"the Court concludes that the relevant legal provision failed to satisfy the foreseeability requirement and provide effective safeguards against arbitrary punishment as provided in Article 7"*. Il-Qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq 'il fatt li:-

[a] l-akkuzat isir jaf liema *"punishment bracket"* japplika ghalih meta jigi akkuzat mill-Avukat Generali. Invididwu ghandu jkun jaf mil-ligi u jekk hemm bzonn bl-assistenza ta' interpretazzjoni mill-qorti, x'piena jista' jehel f'kaz ta' sejbien ta' htija. Il-qorti kkonkludiet li r-rikorrent sar jaf *"the punishment bracket applied to him* ***only when he was charged, namely after the decision of the Attorney General determining the court where he was to be tried****"*. Sahansitra meta jitressaq il-qorti f'dawk il-kazijiet fejn hemm dikjarazzjoni tal-Avukat Generali li l-imputat ghandu jigi ggudikat minn Qorti Kriminali, fl-istadju tal-kumpilazzjoni jista' jibdel id-decizjoni u jiddeciedi li l-kaz ghandu jinstema' u jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati. Fatt li jkompli juri l-istat ta' incertezza u nuqqas tar-rekwizit ta' *foreseeability*. Jekk wiehed jezamina l-informazzjoni li z-zewg partijiet ipprezentaw dwar kazijiet ohra li kienu jinvolvu akkuzi relatati mal-cannabis, japprezza ahjar dak li qalet il-Qorti Ewropea.

[b] Id-decizjoni fejn ser isir il-process kriminali, *"****was solely dependent on the prosecutor's discretion to determine the trial court****"* (§42). Bhala ezempju l-qorti ghamlet riferenza ghal zewg kazijiet fejn il-kwantita' tad-droga kienet l-istess u kienu dwar tnejn min-nies akkuzati bl-istess reat, izda fejn wiehed gie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali u l-iehor quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-piena karcerarja kienet differenti.

[c] Il-kriterji li fuqhom jezercita d-diskrezzjoni l-Avukat Generali m'humiex specifikati f'ligi u wisq inqas ma kienu soggetti ghal kjarifiki mill-qrati Maltin; *"The law did not provide for any guidance on what would amount to a serious offence or a less serious one (based on enumerated factors and criteria)… Thus, the law did not determin with any degree of precision the circumstances in which a particular punishment bracket applied."* (§43).

[d] Fir-realta' huwa l-Avukat Generali li b'diskrezzjoni assoluta qieghed jaghzel liema *"punishment bracket"* ghandu japplika ghall-akkuzat; *"An insoluble problem was posed by fixing different minimum penalties. The Attorney General had in effect* ***an unfettered discretion to decide which minimum penalty would be applicable with respect to the same offence****. The decision was inevitably subjective and left room for arbitrariness "* (§43).

Is-sentenza ta' **Camilleri vs Malta** hi finali. Jidher li l-Istat accetta l-konkluzjoni tal-Qorti tant li emenda l-ligi (Att XXIV tal-2014). Din il-qorti m'ghandhiex x'izzid ma' dak li diga' qalet fis-sentenzi ta' Lebrun u Dimech. Ghal dak li jirrigwarda rimedju, taghmel riferenza ghal dak li qalet il-qorti fil-kaz ta' **Camilleri v Malta**:

*"the Court cannot speculate as to the tribunal to which the applicant would have been committed for trial had the law satisfied the requirement of foreseeability. Indeed, the present case does not concern the imposition of a heavier sentence than that which was applicable at the time of the commission of the criminal offence or the denial of the benefit of a provision prescribing a more lenient penalty which came into force after the commission of the offence…. and therefore the Court does not consider it necessary to indicate any specific measure".*

Fil-kaz in ezami l-piena li nghatat lir-rikorrent kienet taqa' fil-parametri kontemplati mil-ligi. Ligi li kienet tezisti qabel twettaq ir-reat.

Ghal dak li jikkoncerna l-ilment bazat fuq l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi fuq imsemmija ghamlitha cara li d-diskrezzjoni tal-Avukat Generali li jiddeciedi quddiem liema qorti l-akkuzat ghandu jigi ggudikat, ma twassalx ghal ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni. Fis-sentenza ta' **Camilleri v Malta** l-Imhallef Kalaydjieva f'opinjoni separata, qalet:-

*In my view these go far beyond Article 7 and raise important issues of* ***equality of the parties in criminal proceedings and the potential infringement of the independence and scope of the courts' competence, as a result of the statutory privilege of one of those parties, beyond the pre-trial stage of criminal proceedings, to interfere with the court's competence to determine the outcome of the proceedings****. I regret the majority's view that "having regard to the finding relating to Article 7 it is not necessary to examine whether there has also been a violation of Article 6" as initially complained* (enfazi mizjuda).

Il-konsiderazzjonijiet li ghamlet din il-qorti fil-kazijiet Lebrun u Dimech ma jibqghux rilevanti ghal dan il-kaz meta tqies li mis-sentenza tal-Qorti Kriminali hu evidenti li dan ma kienx kaz fejn il-qorti kkonkludiet li kellha tapplika l-piena minima.

4. **Ilment relatat ma' allegat nuqqas ta' osservanza tal-procedura** (Artikolu 432 tal-Kodici Kriminali) – Dan l-ilment kellu jitqajjem fil-kors tal-proceduri kriminali u mhux wara. Proceduri ta' din ix-xorta ma jsirux sabiex il-kaz jinfetah mill-gdid. F'kull kaz fil-verbal tal-21 ta' Ottubru 2008 jinghad car u tond: *"The Prosecuting Officer read out the charges and confirmed the same on oath".* Il-qorti ma tifhimx x'dokumenti huma li r-rikorrent qieghed ighid li huma neqsin. Dak li jinghad fil-verbal hu prova fih innifsu ta' dak li sehh waqt is-seduta. Ir-rapport tal-pulizija kien diga' jinsab fl-atti u l-partijiet ghamlu dikjarazzjoni li jaqblu li *"… the evidence brought before the Court and the*

*witnesses which have been heard so far need not be produced again and are valid for these proceedings according to Law".* Dikjarazzjoni li saret fi zmien meta r-rikorrent kien assistit minn avukat li ghazel hu stess.

5. **Fl-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 il-frazi *"includes cultivation"* ghandha tigi nterpretata li ma tinkludix kultivar ghall-uzu personali** – ilment iehor bla bazi. Jidher li ghal mument ir-rikorrent nesa li hu ammetta l-akkuzi li ngiebu kontra tieghu. Akkuzi li kienu jinkludu li huwa kien fil-pussess tad-droga cannabis bl-intenzjoni li jittraffika u li tali pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu. Ghalhekk ta' xejn li r-rikorrent jibqa' jipprova jiggranfa mat-tezi li hu kkultiva l-cannabis ghall-uzu personali tieghu. Tezi li volontarjament abbanduna mal-ammissjoni tal-akkuzi. Hu veru li fl-istqarrija li ta lill-pulizija fid-19 ta' Gunju 2006 kien qal li d-droga kienet ghall-uzu personali tieghu, pero bl-ammissjoni li rregistra fil-21 ta' Novembru 2011 biddel il-posizzjoni li originarjament ha. Ghalhekk m'ghandux bazi biex jilmenta dwar l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101.

*6.* **Il-piena li nghata r-rikorrent** – f'nota ta' sottomissjonijiet li r-rikorrent ipprezenta fil-15 ta' Lulju 2014 ghamel riferenza ghal 15 il-kaz fejn f'kull kaz l-akkuzat kien akkuzat b'pussess ta' kwantita ta' droga ferm iktar milli kellu r-rikorrent, u l-piena ta' prigunerija ma kenitx iebsa daqs dik li nghata r-rikorrent. F'dan ir-rigward ir-rikorrent jallega diskriminazzjoni. Fir-rikors promotur ghamel ukoll riferenza ghal erba' kazijiet fejn l-ammont tad-droga kien id-doppju dak li nstab fil-pussess tar-rikorrent u l-Avukat Generali ddecieda li l-kaz ghandu jinstema' u jigi deciz quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta). Ir-rikorrent jilmenta li dawn il-persuni gew trattati b'mod differenti mir-rikorrent u ghalhekk gew lezi d-drittijiet tar-rikorrent taht l-Artikolu 6, 7(1) u 14 tal-Konvenzjoni.

Rigward dan l-ilment il-qorti tosserva:-

6.1 il-piena li nghatat lir-rikorrent taqa' fil-parametri tal-ligi;

6.2 hi l-ligi stess li taghti l-poter lill-Avukat Generali li jiddeciedi quddiem liema qorti ghandu jinstema' u jigi deciz il-kaz (Artikolu 22(2) tal-Kap. 101). Taht dan l-ilment ir-rikorrent m'huwiex jimpunja l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 izda d-decizjoni tal-Avukat Generali li filwaqt li fil-kaz ta' persuni ohra ddecieda li ghandhom jigu ggudikati mill-Qorti tal-Magistrati, fil-kaz tar-rikorrent ordna li l-kaz tieghu jsir quddiem il-Qorti Kriminali;

6.3 fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea hu stabbilit li:-*"...... only differences in treatment based on an* ***identifiable characteristic, or "status"****, are capable of amounting to discrimination within the meaning of Article 14 (Carson and Others v. the United Kingdom [GC], no. 42184/05, § 61, ECHR 2010). "Religion" is specifically mentioned in the text of Article 14 as a prohibited ground of discrimination"* (**Eweida et vs United Kingdom**, 15 ta' Jannar

2014) [enfazi mizjuda]. F'dan il-kaz ir-rikorrent ma identifika l-ebda ***"identifiable characteristic"*** li suppost wassal ghal dan l-allegat diskriminazzjoni.

6.4 Fir-rigward tal-piena li nghatat lir-rikorrent, fir-realta' l-ilment tar-rikorrent hu li s-sitwazzjoni attwali tal-ligi lokali qeghda taghti lok ghal *sentencing disparity*, cjoe' ghal kazijiet fejn il-qorti taghti piena differenti f'kazijiet li jkunu simili ghal xulxin. Dan m'ghandu x'jaqsam xejn mal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni li jiggarantixxi li d-drittijiet garantiti fil-Konvenzjoni ghandhom jigu assigurati bla diskriminazzjoni ghal kwalsiasi raguni bhal razza, kulur, lingwa, religjon, u opinjoni politika. Skond statistika li pprezentaw l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija (fol. 62-79) dwar kazijiet ohra ta' pussess u traffikar ta' droga cannabis, *prima facie* tidher disparita fil-piena bejn kaz u iehor jekk wiehed kellu jibbaza ruhu biss fuq il-kwantita ta' droga cannabis involuta fil-kazijiet. Pero' l-kwantita tad-droga m'hijiex l-uniku fattur li l-qorti tikkunsidra meta taghti l-piena. Kif tajjeb osservat il-Qorti Kriminali fis-sentenza tal-24 ta' Novembru 2011: *"The Court considered many other cases where a guilty plea was filed or where no guilty plea was filed, and where the amount of cannabis involved was substantial.* ***But cases may be similar but not necessarily identical. The amount of drugs indicated in a particular bill of indictment may be very close but from then on each case has its own story"*** (enfazi mizjuda).

7. **Dewmien mhux ragonevoli** – wara li l-qorti rat l-atti tal-process kriminali m'ghandhiex dubju li kien hemm dewmien ezagerat. Fil-qosor:-

7.1 – Fil-21 ta' Gunju 2006 ir-rikorrent tressaq il-qorti;

7.2 – Fl-20 ta' Lulju 2006 il-qorti tat digriet fejn qalet li wara l-gheluq tal-kumpilazzjoni tal-provi, hemm ragunijiet sufficjenti biex jinhareg att ta' akkuza kontra r-rikorrent. Minn hemm beda l-*ping pong* tas-soltu bejn l-ufficcju tal-Avukat Generali u l-Qorti permezz tar-rinvji li jsiru skond l-Artikolu 405 tal-Kodici Kriminali;

7.3 – Fid-9 ta' Novembru 2006 il-prosekuzzjoni ddikjarat li l-ahhar xhud li kellha kien l-avukat Dr Steven Farrugia Sacco;

7.4 – Fil-25 ta' Jannar 2007 xehed l-avukat Farrugia Sacco;

7.5 – B'nota tal-1 ta' Marzu 2007 l-Avukat Generali talab li l-qorti tahtar espert sabiex jaghmel stima tad-drogi li kienu gew ezaminati mill-espert tal-kimika Godwin Sammut. Fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2007 il-qorti nnominat lill-ispizjar Mario Mifsud;

7.6 – Fid-19 ta' April 2007 l-espert ipprezenta r-rapport;

7.7 – Fl-24 ta' Mejju 2007 l-Avukat Generali talab lill-Qorti Kriminali sabiex ittawwal iz-zmien ghal prezentata tal-att ta' akkuza bi 15 il-gurnata ohra. B'digriet tal-25 ta' Mejju 2007 il-qorti laqghet it-talba;

7.8 – Fit-28 ta' Mejju 2007 l-Avukat Generali talab li l-kumpilazzjoni ssir mill-gdid peress li ma kienx inghata digriet mill-qorti li l-proceduri jsiru bl-Ingliz. Fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2008 il-partijiet iddikjaraw li: *"… the evidence brought before the Court and the witnesses which have been heard so far need not be produce once again and are valid for these proceedings according to law"*.

7.9 Minkejja dak li l-prosekuzzjoni ddikjarat fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2006, mill-atti jirrizulta li baqghet ittella' provi ohra bhal Denise Formosa Gruppetta (11.9.2008), George Cremona u Grazienne Spagnol (3.9.2009). Sahansitra kien biss fid-19 ta' Novembru 2008 li l-Avukat Generali talab lill-qorti biex tinnomina perit biex jaghmel pjanta tal-fond fejn instabet id-droga u persuna biex taghmel ricerka u tipprezenta rapport dwar il-gid li ghandu Holmes.

7.10 Fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2009 il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex iktar provi. Madankollu permezz ta' nota tal-25 ta' Novembru 2009 l-Avukat Generali talab li jixhed l-ispettur Pierre Grech, li fil-fatt xehed fis-seduta fis-26 ta' Novembru 2009.

7.11 Fit-18 ta' Jannar 2010 inhareg l-att ta' akkuza.

Il-process li sar quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja fih innifsu jwassal lill-qorti sabiex tikkonkludi li kien hemm dewmien ezagerat. Dan ma kienx kaz kumplikat fejn kien hemm bzonn dak iz-zmien kollu biex jingabru l-provi. Hu veru li inizjalment kien hemm akkuzat iehor mar-rikorrent, pero' ma ntweriet l-ebda raguni ghalfejn dan 'il fatt seta' jiggustifika dewmien. Eventwalment fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2008 il-qorti ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju. Madankollu xorta kellha tghaddi iktar minn sena sakemm il-prosekuzzjoni ghalqet mill-provi. Ghall-qorti hu inaccettabbli l-mod imqanzah kif il-prosekuzzjoni ressqet il-provi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja. Bizzejjed jinghad kif per ezempju fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2006 il-prosekuzzjoni qalet li kien fadal xhud wiehed u spiccaw nstemghu iktar xhieda fuq perjodu ta' tlett snin ohra. Hekk ukoll fid-19 ta' April 2007 il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex iktar provi xi tressaq, u minkejja dan baqghu jintbaghatu r-rinvji mill-ufficcju tal-Avukat Generali, sabiex jinstemghu iktar xhieda. Minn dakinhar saru iktar seduti biex xehedu:

i. l-ispizjar Mario Mifsud (4 ta' Dicembru 2007);
ii. PC 1348 Joseph Campbell u l-Ispettur Pierre Grech (8 ta' April 2008) li kienu diga' xehedu. Dakinhar xehed ukoll Anton Mizzi fejn ikkonferma li ghamel it-traduzzjoni tad-dokumenti mill-Malti ghall-Ingliz;
iii. Denise Formosa Gruppetta (11 ta' Settebru 2008) li kkonfermat li ma kenitx ghadha tahdem mal-Vodafone.
iv. Perit Guido Vella li pprezenta pjanta tal-fond fejn instabet id-droga (26 ta' Frar 2009), u l-avukat Dr Justyne Caruana li pprezentat rapport dwar ir-ricerka li ghamlet fuq il-gid li ghandu r-rikorrent f'Malta (26 ta' Frar 2009). Fil-fehma tal-qorti it-talba ghan-nomina tal-perit biex

jaghmel pjanta tal-fond fejn instabet id-droga u ta' avukat biex jaghmel ricerka dwar il-gid li ghandu Holmes f'Malta, kellha ssir ferm qabel.

v. Godwin Sammut (19 ta' Mejju 2009) meta pprezenta rapport addizzjonali biex jindika l-affairjiet li nstabu fir-residenza tar-rikorrent biss, peress li originarjament kien hemm zewg ko-akkuzati. Imbaghad rega' xehed fit-3 ta' Settembru 2009 meta pprezenta kopja ohra tar-rapport, din id-darba bl-Ingliz.

vi. Brian Farrugia (30 ta' Gunju 2009) biex semplicement ikkonferma l-kontenut ta' ittra tieghu datata 15 ta' Jannar 2009 fejn jinghad li r-rikorrent m'ghandux vetturi registrati f'ismu.

vii. George Cremona u Grazienne Spagnol (3 ta' Settembru 2009). Xhieda li kull ma ghamlu hu li fil-kaz ta' Spagnol ikkonfermat dak li jinghad f'ittra tat-22 ta' Jannar 2009 iffirmata minnha stess, li l-akkuzat ma kellux depoziti fil-Bank of Valletta plc. Fil-kaz tax-xhud Cremona kkonferma l-kontenut ta' ittra tieghu datata 19 ta' Jannar 2009, li r-rikorrent kien qieghed jiricievu ghajnuna socjali.

viii. Spettur Pierre Grech (26 ta' Novembru 2009) biex kull ma qal kien li d-data fir-rapport a fol. 50 u 52 kellha taqra 19 ta' Gunju 2006 u mhux 16 ta' Frar 2006. Haga ovvja gialadarba fil-parti ta' fuq tar-rapport id-data hi 19 ta' Gunju 2006. Ezempju ta' iktar hela ta' zmien bla bzonn.

Il-mod kif tressqu l-provi wassal ghal dewmien bla bzonn, dewmien li l-qorti ma tistax timputa lir-rikorrent. Dan apparti d-dewmien ta' kwazi sentejn mid-data tal-prezentata tal-att ta' akkuza (18 ta' Jannar 2010) sad-data li fiha r-rikorrent deher quddiem il-Qorti Kriminali, wara li fid-9 ta' Dicembru 2010 il-kaz gie differit *sine die*, u l-kaz gie differit sabiex il-partijiet jitkellmu dwar il-possibilita' li l-akkuzat jirregistra ammissjoni.

Dewmien li hu rizultat ta':-

i. Ftit li xejn poter li ghandha l-qorti istruttorja biex tikkontrolla l-mod u r-ritmu li bih jingabru l-provi tal-prosekuzzjoni fl-istadju tal-kumpilazzjoni. Pjuttost tista' tghid li l-kontroll qieghed f'idejn l-Avukat Generali[4].

ii. Hu evidenti li l-ufficcju tal-Avukat Generali stess hu *under staffed* u minkejja l-avukati jaghmlu hilithom biex jipprovaw ilehhqu. F'kaz bhal dan l-impressjoni li tiehu l-qorti hu li kemm-il darba rinviju jsir biex ikun sar fit-terminu kontemplat mil-ligi u mbaghad wiehed jara wara (*better safe than sorry*).

iii. Volum ta' kawzi li jrid jisma' u jiddeciedi gudikant. Jekk il-gudikant ser jibqa' mghobbi kif inhu b'mijiet ta' kawzi u fl-istess hin jibqa' jircievi kawzi godda, apparti xoghol iehor, ser jibqa' jkollna kazijiet bhal dan.

[4] Dwar dan il-punt sar suggeriment ferm floku mill-Kummissjoni fil-mizura 147 tar-rapport finali tal-Kummissjoni ghal riforma holistika fil-qasam tal-gustizzja.

F'xenarju simili m'huwiex possibbli li f'kull kaz jigi garantit smiegh xieraq fi zmien ragonevoli. Din hi r-realta' isiru kemm isiru emendi fil-ligi tal-procedura u inizjattivi ohra fil-qasam amministrattiv tal-qorti.

Dewmien li fih innifsu qieghed iwassal sabiex din il-qorti kontinwament tigi rinfaccjata b'kawzi simili fejn biex tasal ghal decizjoni ikollha toqghod tezamina volumi ta' atti li jkunu ngabru matul is-snin li fih innifsu jiehu z-zmien.

Hu l-Istat li ghandu l-obbligu li jindirizza dawn in-nuqqasijiet u ghaldaqstant irid iwiegeb ghal dewmien zejjed fil-proceduri gudizzjarji. Wara li l-qorti rat l-atti tal-proceduri kriminali tasal ghal konkluzjoni li l-kaz tar-rikorrent ma kellux jiehu dawk is-snin kollha biex jigi deciz defenittivament. Dan apparti li mill-atti tal-proceduri kriminali ma jirrizultax li r-rikorrent kellu xi htija ghalfejn il-kaz dam daqshekk. F'hajja ta' bniedem seba' snin huma hafna. Seba' snin ta' incertezza tiela' u niezel il-qorti ghas-seduti, ghaliex dik hi s-sistema. Dewmien f'kull xorta ta' proceduri gudizzjarji timmina l-gustizzja, izda dewmien fi proceduri kriminali, fejn il-liberta tal-bniedem hi in diskussjoni, m'ghandux jigi ttollerat. Wiehed irid jiftakar ukoll li r-rikorrent hu barrani u mill-provi hu evidenti li ma ghandu l-ebda rabta ma' Malta. Din ic-cirkostanza tkompli tiggrava s-sitwazzjoni.

8. **Appell quddiem qorti tat-tielet grad** – L-Artikoli 6 u 39 tal-Kostituzzjoni ma jiggarantixxu l-ebda dritt li akkuzat ikollu xi rimedju quddiem qorti tat-tielet grad wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Certament li f'dan il-kaz il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha tiddetermina jekk il-piena li nghata r-rikorrent kenitx gusta jew kellhiex tnaqqas il-piena. Dak kien l-ezercizzju tad-*doppio esame* li kellu jsir u sar. Mis-sentenza hu evidenti li l-Qorti tal-Appell Kriminali ndirizzat l-ilmenti tar-rikorrent u waslet ghal konkluzjoni taghha. M'huwiex il-kompitu ta' din il-qorti li tistharreg il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Qorti tal-Appell Kriminali meta kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali.

9. Apparti l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija, ir-rikorrent harrek ukoll lid-Direttur Generali tal-Qrati u Tribunali (Ghawdex) u Registratur Qrati u Tribunal Kriminali. Il-presenza taghhom hi ghal kollox inutli in kwantu ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-ilmenti tar-rikorrent. Ghalhekk ser jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Ghal dak li jikkoncerna l-presenza tal-Kummissarju tal-Pulizija hu veru li r-rikorrent jilmenta dwar l-istqarrija li ghamel quddiem il-pulizija, pero' il-gudizzju hu diga' integru bil-presenza tal-Avukat Generali.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju. L-istess jinghad fir-rigward tal-eccezzjoni li taw l-intimati numru 3 u 4 li m'humiex il-legittimi kontradditturi. Ghalhekk tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju.**
2. **Tiddikjara ksur tad-dritt tar-rikorrent ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli (Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni) fil-proceduri kriminali li kienu oggett tal-kawza deciza llum.**
3. **Tiddikjara li l-Artikolu 22(1) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jikser id-dritt fundamentali taht l-Artikolu 7 tal-Kovenzjoni.**
4. **Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrent is-somma ta' sebat elef ewro (€7,000) bhala kumpens ghall-ksur.**
5. **Tichad il-kumplament tal-ilmenti tar-rikorrent.**

**Spejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, b'dan li r-rikorrent ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez gudizzjarji tal-intimati li gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------